MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 28/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Gauci**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Joseph Gauci talli fit-30 ta' Awissu, 2002 ghall-habta tal-4.00 pm fi Triq id-Difiza Civili, Mosta ingurja u/jew hedded lil Rita Zammit bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Gauci hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Gauci, minnu ppresentat fit-18 ta’ Frar, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju, 2003; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident bejn girien. Fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni Joseph Gauci kien qed joggezzjona li Rita Zammit tahsel il-gallerija taghha ghax l-ilma kien jaqa’ fejn kien hemm hu. Meta Zammit irrifjutat, Gauci mar ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija. Il-kwistjoni meritu ta’ dana l-appell hu jekk immedjatament qabel ma mar jaghmel l-imsemmi rapport Gauci hedditx lil Zammit jew semplicement wissiha li kien ser jaghmel l-imsemmi rapport. Gauci jghid li avzaha li kien sejjer ghand il-pulizija; Zammit tghid li Gauci heddidha b’mod generiku u qatt ma semma’ li kien sejjer ghand il-pulizija. Zammit tiddeskrivi d-diverbju hekk:

**Qalli: “Tnaddafx il-gallerija”. Ghidtlu: “Waqa’ xi ilma fuqek?”. Qalli: “Le”. Ghidtlu: “Mela ghalfejn ma nnaddafx il-gallerija?”. Qalli: “Ghax qed nghidlek tnaddafx il-gallerija.”…Qalli: “Ara x’qed nghidlek…” bil-bzieq f’halqu u jipponta subghajh ‘l fuq, “Ara x’qed nghidlek ma rridekx tnaddaf il-gallerija ghax hawn ahna isfel.” Ghidtlu: “Imma jekk ma giex ilma fuqek kif bqajtu hemm isfel allura?”…Qalli: “Ghax jien nghidlek x’ser naghmillek jekk tkompli tnaddaf il-gallerija.” Ghidtlu: “Ser tgahmilli?”. Qalli: “Issa nurik x’naghmillek”, u jghajjat u jipponta subghajh…Ghidtlu: “B’daqshekk m’intix ser tbezzghani.” Imbghad wara xi kwarta cempel il-pulizija qalli: “Ghax is-sur Gauci jrid iharrkek talli xarrabtu.” Ghidtlu: “Mhux veru, ma xarrabtux.”**

Il-verzjoni ta’ Gauci hi hekk:

**Ghidtilha: “Twaddabx ilma.” Qaltli: “Minn tahseb li int, xi alla?” Ghidtilha: “Hemm ghalfejn issemmi ‘l Alla?” Daqshekk biss ghidtilha. Ghidtilha: “Issa mmur**

**naghmel rapport lill-pulizija."…Ghidtilha: "Issa nghidlek ser naghmillek." U ghidtilha: "Issa naghmel rapport" imbghad.**

Anke li kieku l-konversazzjoni djalogata bejn dawn iz-zewg girien sehhet ezatt kif tiddeskrivi Zammit, din il-Qorti ma tirravvizax fil-kliem ta' Gauci xi theddid ossia minacca. Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor [1] – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: *"…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'"* [2]. Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit *ex admissis* tghid li hi ma bezghetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fid-dottrina wiehed isib referenza ghal minacca esplicita u implicita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista' jkun hemm ukoll minacca kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali.

[2] Antolisei, F. ***Manule di Diritto Penali – Part Speciale I*** Giuffre` (Milano), 1986, p. 140.